

IT-TRIBUNAL GHAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' Ottubru 2013 — ZZ et vs
Il-Qorti tal-Audituri**

(Kawża F-105/13)

(2014/C 15/32)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Novembru 2013 — ZZ vs
ENISA**

(Kawża F-109/13)

(2014/C 15/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: ZZ et (rappreżentanti: A. Coolen, J-N. Louis, É. Marchal u D. Abreu Caldas, avukati)

Konvenut: Il-Qorti tal-Audituri

Partijiet

Rikorrenti: ZZ (rappreżentanti: L. Levi u A. Tymen, avukati)

Konvenuta: Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA)

Suġġett

Annnullament tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Audituri, tat-13 ta' Diċembru 2012, li l-kwistjoni ma titressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tintalab teżamina jekk S., li dak iż-żmien kienet membru tal-Qorti tal-Audituri, kinitx waqfet tissodisa l-kundizzjonijiet meħtieġa jew l-obbligi li jirizultaw mill-kariga tagħha, u li ma tingħatax deċiżjoni dwar l-ilmenti tar-rikorrenti, li ma tittieħed ebda miżura ta' natura li tirrikonoxxi b'mod pubbliku l-fastidju li tiegħu huma kienu vittmi, is-sofferenzi tagħhom, u li jittieħdu miżuri ta' natura sabiex jiġu integrati mill-ġdid ir-reputazzjoni leż-a tagħhom, il-kredibbiltà tagħhom u d-dinjità tagħhom u li jingħataw kumpens għad-dannu morali u materjali subit.

Talbiet tar-rikorrenti

- jannulla d-deċiżjoni tat-13 ta' Diċembru 2012 tal-Qorti tal-Audituri, bħala Awtorità tal-Ħatra, li ma tingħatax deċiżjoni dwar l-ilmenti tar-rikorrenti, li ma tittieħed ebda miżura ta' natura li tirrikonoxxi b'mod pubbliku l-fastidju li tiegħu huma kienu vittmi, is-sofferenzi tagħhom, u li jittieħdu miżuri ta' natura sabiex jiġu integrati mill-ġdid ir-reputazzjoni leż-a tagħhom, il-kredibbiltà tagħhom u d-dinjità tagħhom u li jingħataw kumpens għad-dannu morali u materjali subit;

- jikkundanna lill-Qorti tal-Audituri għall-ispejjeż.

Suġġett

Annnullament tad-deċiżjoni li ttemm il-kuntratt ta' xogħol tar-rikorrenti u bħala konsegwenza, jordna lill-konvenuta sabiex ir-rikorrenti tiġi reintegrata, il-ħlas tal-benefiċċji finanzjarji tagħha minn mindu daħal fis-seħħ it-tmiem tal-kuntratt sar-reintegrazzjoni tagħha, bi tnaqqis tad-dħul possibbli tagħha għall-istess perijodu, flimkien mal-interessi moratorji kkalkolati bir-rata tal-Bank Ċentrali Ewropew miżjud bi 3 punti, u, fl-aħħar nett, jikkundanna lill-konvenuta tikkumpensa d-dannu morali subit mir-rikorrenti.

Talbiet tar-rikorrenti

- jannulla d-deċiżjoni tal-31 ta' Jannar 2013 li ttemm il-kuntratt ta' xogħol tar-rikorrenti;
- jannulla d-deċiżjoni tat-22 ta' Awwissu 2013 li tiċħad l-ilment tar-rikorrenti;
- bħala konsegwenza, jordna r-reintegrazzjoni tar-rikorrenti u li tħallasha beneficiċċji finanzjarji minn mindu daħal fis-seħħ it-tmiem tal-kuntratt sar-reintegrazzjoni tagħha, bi tnaqqis tad-dħul possibbli tagħha għall-istess perijodu, flimkien mal-interessi moratorji kkalkolati bir-rata tal-Bank Ċentrali Ewropew miżjud bi 3 punti;
- jikkumpensa d-dannu morali subit mir-rikorrenti evalwat, *ex aequo et bono*, għal EUR 10 000;
- jikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.